## SUITE

Lill-Prof. Ġ. Aquilina, b'rikonoxxenza.

*Tidħol il-memorja*
*Bħal meta filgħodu, nagħas fuq l-għatba,*
*Isewdu miċ-ċpar għamliet familjari;*
*Dak li hu minqux ma jitħassarx u tinbarax*
*Iż-żebgħa ta' għaxar snin.*
*Ħarira vibranti tnissel*
*Tnehida mmewġa bħal ġisem imkarkar*
*Ta' serp, u ħabbara tal-waħx li*
*Ħares lejna insetti mikroskopiċi mill-għajn vjola*
*Iddawwar bħal ħut stordut eħirsa*
*Fil-vaska ta' moħħi.*
*Il-mistoqsija mal-bieb: Dawk*
*Li ġew meta jmorru? meta jmorru jerġgħu jiġu?*
*It-tajra titgerbeb ġwienaħ mitħna*
*U linka sewda mixruba 'l fuq tikteb mewt;*
*Fis-sema, il-lejl bla waqfien idamdam*
*Bis-saħħa dinamika tal-qirda.*

*Ma nsejħulux dawl ix-xemx dan, iżda*
*Sikta taħt sema griż; mhux sikta*
*Paċi, aktar qtiegħ in-nifs qabel l-ewwel*
*Leħħa. Setgħa, qroqqa għamja, tfaqqas*
*Fellus imġewwaħ Nemesis; mhux gwerra*
*Għall-paċi l-għajta tagħna tkun, iżda*
*L-fetħa tal-ponn li minn demm jagħsar*
*Aċidu: Nittamaw li ser tħaddar iż-żebbuġa*
*Msoqqija minn tidwib l-azzar?*

*F'dan it-tempju, ntefa l-bini armoniku*
*Ta' l-orgni, u fuq il-polz marradi tal-kuntrabaxx*
*Il-ġazz iħarbex suriet Picassjani;*
*Tgħawwiġ ta' ġenbejn, taħbit ta' saqajn, daħk,*
*Għajjat: Miss, agħfas, dan hu, xejn ħliefu.*
*Darbtejn tfarrku l-fanali: darb'oħra*
*Mfarrka, qtil il-widna klarinetti fgati*
*Jitnehdu minn taħt il-kutra sewda.*
*Tanbur, tanbur, miexi minn għammar*
*Qrib fil-bir, dejjem moħbi iżda; u t-tħarħira*
*Tiegħu tfawwar ħabsna bil-foga*
*Tad-disintegrazzjoni atomika.*
*Eħlisna Mulej mill-Hiroshima ta' ruħ u ġisem;*
*Jum il-biża', jum il-korla*
*Meta d-dinja ddub fin-nar.*

*Il-karrozza li terrqet maħruba tul it-triq wiesgħa*
*Għannqet il-ħajt; dubbien mgħaffeġ, xewqat, leħmiet*
*Iġsma qabel twelidhom maqtula, juri l-ħajt.*
*Dawk li maħsula mill-beżqa tan-nar, jagħ'lqu*
*Għajnejhom, ras mgħaddsa, u jħossu ċ-ċomb*
*Niggież, jaħraq, huma dawk li żernqu friski*
*Man-nida ta' xofftejn imħabbithom.*
*Ma ngħannix ħarbet ir-ruħ mill-ħofra*
*Mdemma: L-egħdewwa aħwa f'żogħżithom*
*Huma, u ġuf moħħom iwelled ħlejqiet jixxiebhu*
*—Ħajta tiġbed marbuta ma' dirgħajn fl-aħħar*
*Tislija, u xenqet id-dar, logħob, studju,*
*Fit-tgħanniqa t-tfajliet.*

*Aħna l-merħla mgerrxa:*
*Mitfi x-xrar u l-ħarsa quddimija, għajnejn*
*Jixtarru fl-art fliexken miksura;*
*Tbaqbiq ta' kurrenti u vleġeġ kliem f'konferenzi.*
*Dan hu żmien id-dris u tirfid is-saħħa*
*Tal-ħsieb individwali, għas-sadda*
*Ta' ħluq il-klieb li għamja ma jaqrawx*
*It-tinqix werrej it-triq.*
*Fejn sejrin saqajn fl-għanja tat-tkaxkira*
*Insetti fuq dan id-denb fid-deżert, bla tmiem,*
*Tmiem fil-mewt?*
*Nitilgħu fuq din il-blata,*
*Soda din il-blata, bla nuqqas fil-metamorfosi elementali;*
*Hawnfuq dawl f'idejna biex nitfgħu bħal ġebla*
*Tiċrit fl-istar mudlam.*
*Hawn mill-għoli ngħarrxu isqra għat-Triq*
*Insibu t-Triq, nilħqu t-Triq.*

*Għal dawk li jqattru minna bħal ilma minn*
*Vit, sbul miżrugħ minn riħ l-imħabba,*
*Għal dawk, it-tempju ġdid, kuruna ta' l-iġbla,*
*Fejn iħaddru għerf u ġmiel, għaraqna tisqija.*
*Għalihom tal-għajnejn il-fetħa mistagħġba,*
*Il-ġibda fin-nifs u l-qalb imfawra,*
*X'hin widna tixrob il-ħarba,*
*Ħarba minn tarf id-denb, fil-glorja ħarba,*
*Meta rajna fil-ħmura griża tal-għabex*
*Id-daħka bla snien, l-imnieher mikul.*

29/xii/51 JOSEPH MEILAK.